MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1627/2002

**Public Broadcasting Services Limited**

**vs**

**Channel Company Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm994.25c (disa' mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lis-socjeta' konvenuta fuq il-mezzi tax-xandir tas-socjeta' attrici;

Illi s-socjeta' konvenuta kemm il-darba giet interpellata sabiex tissalda d-debitu fuq imsemmi izda hija baqghet inadempjenti;

Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 16 ta’ Novembru, 2001 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lill-Dr Jacqueline Borg tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Ra n-nota t’ammissjoni prezentata fil-25 ta’ Settembru, 2002 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta ammettew it-talba attrici;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm994.25c (disa’ mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) dovuti ghal servizz ta’ reklamar.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**